MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 432/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Montebello bin Anthony u Michelle nee` Cutajar imwieled fl-10 ta' Lulju ta' l-1971. Residenti 29, Misrah Sta. Marija, Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 320371(M).

Talli;

Fis-27 ta' April 2012, ghall-habta tas-18:00hrs gewwa Triq Santa Liberata, Kalkara:

1) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAV-619, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b`nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joshua Bowell (persuna minuri) skond kif iccertifika Dr. Stephanie  Sofia M.D. Reg. 5309 mill- M.D.H.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, in succinct, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fil-Kalkara, fi Triq Santa Liberata, meta fuq l-istess karreggjata tieghu u gej fid-direzzjoni opposta kien hemm it-tifel minuri, Joshua Bowell, riekeb rota. Kemm l-imputat kif ukoll it-tifel ma setghux jaraw lil xulxin, peress illi f'dik il-parti tat-triq tigi taht is-sur, b'mod illi l-vizwali tat-triq hi kompletament mghottija.

Fil-fehma tal-Qorti, mid-dinamika tal-incident, l-imputat assolutament m'ghandu xejn x'jahti. Hu kien ghaddej fil-karreggata tieghu, qed jilwi ghal fuq ix-xellug tieghu. Huwa impossibbli li sewwieq jissoponi li ser isib ma' wiccu tifel fuq rota gej ghal fuqu fi "blind corner". Hija l-imperizja u n-negligenza total ital-minuri – jew tal-genituri tieghu – li wasslet ghall-incident in kwistjoni. L-imputat m'ghandu ebda tort ghal dan l-incident, u ghalhekk il-Qorti sejra tilliberah minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma ssibx lill-istess imputat Joseph Montebello hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------